

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2022 – Euranimi vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-769/21) ⁽¹⁾****(“Rikors għal annullament – Dumping – Importazzjonijiet ta’ prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw miċ-Ċina u mit-Tajwan – Dazju antidumping definittiv – Nuqqas ta’ inċidenza individwali – Att leġislattiv li jinvolti miżuri ta’ implimentazzjoni – Inammissibbiltà”)**

(2023/C 71/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: European Association of Non-Integrated Metal Importers & distributors (Euranimi) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: M. Campa, D. Rovetta, P. Gjørtler u V. Villante, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck u G. Luengo, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 021/1483 tal-15 ta’ Settembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta’ prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan wara rieżami ta’ skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2021, L 327, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent ta’ Association Européenne de l’Acier (Eurofer).
- 3) European Association of Non-Integrated Metal Importers & distributors (Euranimi) hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 4) Euranimi, il-Kummissjoni Ewropea u Eurofer għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talba għal intervent ta’ din tal-aħħar.

⁽¹⁾ ĠU C 51, 31.1.2022.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta’ Diċembru 2022 – Westpole Belgium vs Il-Parlament**(Kawża T-640/22 R)****(“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Provvista ta’ servizzi tal-informatika esterni – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2023/C 71/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Westpole Belgium (Vilvoorde, il-Belġju) (rappreżentant: A. Vercruysse, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: K. Wójcik u E. Taneva, aġenti)

Suġġett

Permezz tat-talba tagħha bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-3 ta’ Ottubru 2022 li l-Lott Nru 7 tal-kuntratt bit-titolu “PE/ITEC-ITS 19 – External Provision of IT Services” jingħata lil tliet offerenti u li l-imsemmi lott ma jingħatax lill-konsorzju InfraExpert, li r-rikorrenti tiffirma parti minnu, u, min-naħa l-oħra, li l-Parlament jiġi ordnat ma jeżegwixxi id-deċiżjonijiet kkontestati u jonqos milli jiffirma l-kuntratti qafas li huma s-suġġett tal-proċedura ta’ sejħa għal offeriti relatata mal-Lott Nru 7 ta’ dan il-kuntratt.